# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 22 ta' Jannar, 2016**

**Talba Nru: 686/2015/VG**

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Francis John ANASTASI [ID 446482M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-1 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u sittin centezmi ta' euro [€453.60c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija, tlieta u hamsin euro u sittin centezmi (€453.60) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 21311684, internet fuq telefon bin-numru DSL-21311684 u televizjoni numri 01425055498 fuq l-akkont li jgib in-numru A/C40141380 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi

dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY4 – kopja ta' Ittra Ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fl-14 ta' Settembru, 2015 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra li fis-seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2015 l-intimat deher ghas-seduta quddiem it-Tribunal u irrileva li ismu u kunjomu huma Francis Anastasi u mhux Francis John Anastasi.

Fl-imsemmija seduta, l-intimat ikkonferma lit-Tribunal li l-firem riportati a fol. 5 u 6 tal-process huma tieghu.

Fis-seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2015 id-difensur tas-socjeta rikorrenti rrileva li kien hemm zball fl-avviz tas-seduta (fol. 10) u dan fis-sens li l-kunjom Anstasi kellu jaqra Anastasi. It-Tribunal ra li dan kien zball tal-pinna u ordna l-korrezzjoni kull fejn mehtiega.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman u ta' Victoria Ellul.

Ra l-verbal tal-lum stess fejn wara li t-Tribunal iddikjara l-istadju tal-gbir tal-provi maghluqa huwa ppospona t-Talba ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u sittin centezmi ta' euro [€453.60c] in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 21311684, internet fuq telefon bin-numru DSL-21311684 u televizjoni numri 01425055498 fuq l-akkont li jgib in-numru A/C40141380 moghtija minnha lill-intimat.

Ikkunsidra;

2. Simone Wightman, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha li l-intimat ghandu jghati lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' €453.60c u li skont l-ahhar registru elettorali, isem il-konvenut kien jaqra Francis John Anastasi.

3. L-intimat baqa ma deherx quddiem it-Tribunal ghajr ghas-seduta tal-4 ta' Novembru, 2015 u baqa ma ressaq l-ebda prova quddiemu.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija tlieta u hamsin euro u sittin centezmi ta' euro [€453.60c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-17 ta' Settembru, 2013 data tal-ittra ufficjali (fol. 8), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2207/13, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**